# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1259/95 NA**

**Andrew Mallia**

**vs**

**Marthese Mallia**

**Annullament ta' Zwieg - Artikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta - Droga.**

**L-effett tad-droga jista' jwassal, bhal f'dan il-kaz, biex il-kunsens tal-partijiet ikun wiehed ivvizzjat u ghalhekk jista' jwassal ghan-nullita' taz-zwieg a tenur tas-sub-incizi (d) u (h) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-19 ta' Settembru 1995 fejn ippremetta:

"Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Settembru 1990, u kopja tac-certifikat taz-zwieg qed jigi anness bhala Dokument "A";

Illi l-kontendenti sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt atti Nutar Peter Fleri Soler, datat 4 ta' Novembru 1993, u kopja tal-kuntratt relattiv qed jigi anness bhala Dokument "B";

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg;

Illi inoltre l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-istess Att dwar iz-Zwieg;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Settembru 1990 huwa null u bla ebda effett bil-ligi;

TALAB li dina l-Qorti, ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi ili z-zwieg li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) u (1)

(d) ta' l-Att tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kap. 255) ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu trattati waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta tad-9 ta' Gunju 1997 fejn eccepiet illi:

1. "Illi l-eccipjenti, filwaqt illi qieghda kontestwalment fid-dikjarazzjoni taghha, tistqarr fil-qosor dak illi gara qabel u waqt iz-zwieg taghha lill-attur, tirrimetti ruhha ghal gudizzju ta' din l-Onorbbli Qorti dwar l-apprezzament tat-talbiet attrici;

2. Illi pero' m'ghandhiex tbati l-ispejjes tal-kawza hi, stante li jekk iz-zwieg bejn il-kontendenti li sehh fil-21 ta' Settembru 1990 jigi dikjarat null, dan ikun minhabba

ragunijiet imputabbli lill-attur ukoll, skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-8 ta' Lulju 1997 il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottoressa Lorraine Schembri Orland biex tigbor il-provi u tirrelata. Ir-rapport gie mahluf fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2000 u l-kawza differita ghall-ezami tar-rapport ghad-9 ta' Ottubru 2000. F'dik is-seduta deher biss id-difensur ta' l-attur li rrimetta ruhu ghar-rapport peritali. Fis-seduta invece tal-20 ta' Novembru 2000 dehret biss id-difensur tal-konvenuta li ghalkemm ma rrimettietx ruhha espressament ghar-rapport peritali ma wriet l-ebda xewqa biex teskuti lill-Perit Legali jew li taghmel xi nota ta' kritika tar-rapport peritali. Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija intitolata li tasal ghall-konluzzjoni li z-zewg partijiet kienu sodisfatti bil-konkluzzjonijiet peritali minkejja illi, f'kawza ta' din in-natura, dan ma huwiex wahdu sufficjenti biex il-Qorti tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici.

Ikkunsidrat:-

Il-Perit Legali ezaminat ix-xhieda moghtija sew *viva voce* sew permezz ta' l-Affidavits fil-kaz ta' omm il-konvenuta u tal-habiba taghha Rita Azzopardi. Il-Perit Legali kkunsidrat ukoll il-ligi in materja, partikolarment is-sub-incizi ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqhom l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu u dana fid-dawl ta' kif dawn is-sub-incizi gew interpretati f'sentenzi ricenti tal-Qrati taghna. Waslet ghall-konkluzzjoni illi:

> "*Illi mill-assiem tal-provi ma jirrizultax pruvat li l-konvenuta ssimulat il-kunsens taghha. Ghalkemm uriet dubbji serji qabel iz-zwieg, ma jirrizulta minn imkien li hi eskludiet posittivament iz-zwieg jew l-elementi essenzjali tieghu. Anzi hi ghamlet il-preparattivi kollha u kienet hi li ffissat id-data tat-tieg. Id-dubbji li esprimiet huma prova dwar stat ta' incertezza li kellha minhabba n-nuqqas ta' interess ta' l-attur izda madanakollu, ma hemmx provi sufficjenti li dawn id-dubbji wasslu sabiex hi ghamlet riserva posittiva biex teksludi z-zwieg jew xi element essenzjali tieghu.*"

Hija imbaghad ezaminat l-istat mentali tal-partijiet sew immedjatament qabel iz-zwieg, sew waqt ic-cerimonja ta' l-istess zwieg u dan in vista tad-dipendenza li kellhom il-partijiet fuq id-droga marijuana u dehrilha illi: "*Fil-kaz in ezami, il-partijiet it-tnejn kienu taht l-effetti tal-marijuana fil-mument li taw il-kunsens. Jirrizulta li kienu regolarment jirriprendu l-haxixa u sahansitra dik il-gurnata tat-tieg hadu d-droga u wara t-tieg baqghu jmorru mal-hbieb biex ipejpu marijuana.*" Hija

kienet ghalhekk ta' l-opinjoni illi z-zwieg in kwistjoni kellu jigi ddikjarat null u bla effett "*...minhabba li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taghha.  Madanakollu l-esponenti thoss li hu fl-interess tal-gustizzja li hi tirrileva li jirrizulta wkoll mill-provi li l-kunsens ta' l-attur kien ukoll hekk vizzjat.*"

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi din l-opinjoni tal-Perit Legali li, jerga' jinghad, ma gietx serjament ikkontestata mill-partijiet.  L-effetti li jirrizulta seta' kien hemm fuq l-intellett tal-partijiet kawza tad-dipendenza fuq din id-droga huma effetti li kapaci jwasslu ghal vizzju tal-kunsens minnhom moghti u ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg sew taht is-sub-inciz (d), sew taht dak (h) (minkejja li dan ma huwiex imsemmi mill-attur) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  Dan apparti pero' u in aggunta mal-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom il-Perit Legali l-Qorti hija tal-fehma illi z-zewg partijiet, pero' partikolarment l-attur, eskludew posittivament il-hsieb li jkollhom tfal fiz-zwieg, element essenzjali tal-hajja mizzewga u li, ghalhekk, dan iz-

zwieg huwa annullabbli wkoll taht is-sub-inciz (f) ta' l-istess Artikolu (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (f) u (1) (d) ta' l-Att tal-1995 dwar iz-Zwieg Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u dana ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz huwa ekwu li l-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn l-istess partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.